MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 178/2005

**Active Travel Limited**

**vs**

**Colin Portelli f'ismu porporju kif ukoll bhala rapprezentant tas-socjetà JBC Trading Limited (C22096)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Active Travel Limited li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Il-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' sittax-il elf tmien mija u hames Liri Maltin (Lm16,805) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut ghal attur rapprezentanti prezz ta' diversi biljetti tal-ajru u servizzi relatati li saru fuq inkarigu tal-konvenut;

Dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u s-socjetà attrici qed tipprezenta ma' din ic-citazzjoni zewg affidavits guramentati skond artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dokument A u Dokument B);

Avolja interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf tmien mija u hames Liri Maltin (Lm16,805) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut ghal attur rapprezentanti prezz ta' diversi biljetti tal-ajru u servizzi relatati li saru fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali tas-27 t'Awwissu 2004, u bl-interessi legali mid-data meta l-pagamenti kien dovut kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu Colin Portelli proprio gie awtorizzat jikkontesta l-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Colin Portelli li in forza taghha gie eccepit illi:

In linea preliminari, l-esponent mhux il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li, ghalkemm awtorizzata biex tipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, is-socjetà attrici ma ressqet ebda sottomissjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Colin Portelli.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Active Travel Limited qed titlob lil Colin Portelli proprio u ghan-nom tas-socjetà JBC ihallasha l-prezz ta' biljetti tal-ajru lilu mibjugha. Colin Portelli jsostni li m'ghandux jaghmel tajjeb personalment ghaliex in-negozju sar mas-socjetà JBC Trading Limited.

Mill-provi jirrizulta li Colin Portelli kien jiggestixxi agenzija tal-ivjaggar bl-isem ta' "Travelogue". Peress illi ma kellux ic-certifikazzjoni tal-IATA, ma setax johorg biljetti tal-ajru direttament, fil-bidu 2002 kien dahal f'arrangament ma' Active Travel Limited li kienet tohrog il-biljetti ghall-klijenti ta' Travelogue. Ghall bidu, kollox beda jithallas regolarment pero' wasal zmien meta Colin Portelli beda jaqa' lura fil-hlasijiet lil Active Travel Limited. Meta fil-bidu tat-2003 din tal-ahhar bdiet tippressa ghall-hlas, id-dirigenti taghha gew mgharrfa li fl-operat Travelogue Colin Portelli kien qieghed jagixxi f'isem is-socjetà JBC Trading Limited. Baqa' ma gie ffirmat ebda kuntratt pero' Active Travel baqghet tbiegh biljetti lil Colin Portelli b'invoices mahruga lil JBC Trading Limited. Meta l-posizzjoni baqghet ma gietx regolarizzata, Active Travel ma

baqghetx tbiegh biljetti aktar lil Colin Portelli. Il-bilanc ahhari kien ta' Lm16,805.

Ikkunsidrat illi l-Art. 993 jipprovdi illi:

*"**993**. Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi."*

Issa, kif irriteniet il-Qorti (Imh. R. C. Pace fil-kawza "Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono" (21 ta' Marzu 2002):

*"... illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabilita' limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha."*

Kif sostniet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Cilia vs Scicluna" (27 ta' April 1992):

*"Illi hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal- prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni ..."*

Fil-kawza "Stellini noe vs Cassar" (Qorti tal-Appell – 2 ta' April 1993):

*"Huwa risaput li fin-nuqqas ta' provi konkreti jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt anzi ghandu jigi eskluz (kollez. Vol. XLII p. 903)."*

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-bidu tar-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet Active Travel ma kienitx konsapevoli bl-ezistenza tas-socjetà JBC u li Colin Portelli kien qieghed jagixxi f'isimha. Dan jikkonfermawh Peter Cauchi direttur ta' Active Travel u Joseph Caruana Manager tal-istess Active Travel. Colin Portelli stess, meta xehed in kontro-ezami qal li hu qatt ma kien informa lil Active Travel dwar l-ezistenza ta' JBC Trading Limited. Jirrizulta ampjament pruvat li Active Travel saret taf bl-ezistenza ta' JBC Trading f'Jannar 2003 meta bdiet tigri wara Colin Portelli bil-ghan li jigi ffirmat kuntratt biex tigi regolarizzata l-posizzjoni. Infatti f'Jannar 2003 l-invoices bdew jinhargu f'isem JBC Trading Limited.

F'dan l-isfond, il-Qorti fliet id-dokumenti esibiti mis-socjetà Active Travel u minnhom jirrizulta li l-ammont reklamat f'din il-kawza jikkorrispondi ghall-invoices ta' Frar, Marzu u April 2003. Dan jirrizulta car mid-dokument SF1 ipprezentat minn Stephen Fenech Financial Controller ta' Active Travel Limited. Dan kien konfermat ukoll minn Mario Borg, direttur ta' Active Travel meta xehed fil-Qorti tal-Magistrati (ara fol. 141). Minn dan ghalhekk il-Qorti tqis li, galadarba l-ammonti reklamati jirreferu ghall-perjodu meta s-socjetà attrici kienet qeghda tikkuntratta konsapevolment ma' JBC Trading, tant li l-invoices kienu kollha qed jinhargu f'isimha, Colin Portelli personalment ma jistax jigi

tenut jaghmel tajjeb ghalihom, partikolarment meta ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li twassalha ghall-ezercizzju hekk imsejjah “lifting of the corporate veil” u l-iskartar tal-kuncett tal-personalità guridika distinta tas-socjetà.

Mill-banda l-ohra, ma ngabet lill-Qorti ebda prova jew hjiel ta’ prova li jxejjen dak pruvat permezz tad-dokumenti mressqa minn Active Travel u konfermat bil-gurament mid-dirigenti u impjegati taghha. Is-socjetà rikorrenti rnexxielha tipprova li JBC Trading Limited hija tassew debitrici taghha fl-ammont ta’ Lm16,805, u t-talba fil-konfront ta’ JBC Trading qeghda tintlaqa’.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lil Colin Portelli personalment mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa’ t-talba ta’ Active Travel Limited fil-konfront ta’ Colin Portelli bhala rapprezentant ta’ JBC Trading Limited u tikkundannah ihallas lil Active Travel Limited is-somma ta’ €39,155.65 ekwivalenti ghal Lm16,805 bl-ispejjez mitluba u bl-imghaxijiet mid-data tac-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn JBC Trading Limited hlief ghal dawk relatati ma’ Colin Portelli personalment li ghandhom jithallsu minn Active Travel Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------